# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 110/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Josef Buttigieg**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Josef Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 133680M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-5 ta' Mejju 2014, gewwa Triq Wignacourt Birkirkara, ghal habta tas-sitta u kwart ta' wara nofsinhar;

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS 321 Alan La Grasta filwaqt li kien

jagixxi ghall esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS 321 Alan La Grasta waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS321 Alan La Grasta u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1);

4. volotarjament kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor;

6. kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

7. irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

8. kiser l-provedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba ukoll biex tipprovdi ghall-persuni ta' PS 321 Alan La Grasta jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-Josef Buttigieg b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffisata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-Kawza kontra Josef Buttigieg, a beneficcju ta'  PS321 Alan La Grasta u

l-familja tieghu, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Frar, 2016 li biha, wara ammissjoni volontarja u inkondizzjonata sabet lill-appellat hati u kkundannatu ghal sitt xhur habs sospizi ghal sena u multa ta' €4,000;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tar-raba' u tas-seba' imputazzjonijiet, u hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, **tirrevoka** l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena erogata fil-konfront tal-appellat, u cioe' fil-parti fejn ikkundannatu ghal sitt xhur habs sospizi ghal sena u multa €4,000, u minflok tghaddi sabiex tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva u multa li huma fil-parametri tal-ligi liema piena tkun aktar ekwa u gusta considerando ic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell interpost mill-Avukat Generali huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti u dwar dan iressaq diversi ragunijiet fosthom illi la darba l-appellat kien misjub hati, wara ammissjoni tieghu stess, tal-addebitu tar-recidiva, l-istess Qorti kienet prekluza milli tapplika l-provvediment tas-sentenza ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u dan skond id-dispost tal-artikolu 28A(7)(b) tal-istess Kodici: "Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) [tal-artikolu 28A] ma ghandux isir ... meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50 [tal-Kodici Kriminali]". Jilmenta ukoll l-Avukat Generali illi l-ewwel Qorti erogat piena taht il-minimu provdut mil-ligi minghajr ma kien hemm ragunijiet specjali kif rikjest mill-Kodici Kriminali u li ghalhekk il-piena kominata ma kienitx fil-parametri tal-ligi;

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra jokkorri, izda, li jkun senjalat u deciz kwistjoni ta' possibbli nullita' li din il-Qorti qed tissolleva *ex officio*. Fir-rikors tal-appell, l-Avukat Generali ippremetta illi l-ewwel Qorti ma sabitx htija fir-raba' u fis-seba' imputazzjoni meta dan mhux minnu ghaliex l-ewwel Qorti in effett sabet htija fl-imputazzjonijiet kollha. Dak huwa *lapsus* li ma jgib ebda konsegwenza. Izda, dan l-izball jipproroga ruhu, b'effetti aktar serji, fit-talba tal-Avukat Generali. Huwa jitlob lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **filwaqt illi <u>tikkonfermaha</u> f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tar-raba' u tas-seba akkuza u hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, <u>tirrevoka</u>** l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena erogata fil-konfront tal-appellat u minflok teroga dik il-piena skond il-ligi. Ir-raba' imputazzjoni tirrigwarda l-ksur tal-mistrieh tan-nies filwaqt illi is-seba' imputazzjoni hija dwar ksur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 446 b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta); Issa dak li qed jitlob l-Avukat Generali huwa konferma ta' dik il-parti tas-sentenza fejn instabet htija f'hamsa mill-imputazzjonijiet minghjar ma jitlob konferma f'dik il-parti fejn instabet htija ukoll fiz-zewg

imputazzjonijiet l-ohra. Fl-istess waqt qed jitlob konferma fejn ma nstabitx htija f'zewg imputazzjonijiet meta in effett kienet instabet htija ukoll fihom;

3. Dak li qed jitlob l-Avukat Generali jiprospetta proprju dak li irid jevita l-artikolu 419(1) tal-Kodici Krminali meta jiddisponi hekk:

> **419. (1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita –**
>
> **(a) il-fatti fil-qosor;**
>
> **(b) ir-ragunijiet tal-appell;**
>
> **(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.**

Din il-Qorti taghmel referenza ghal-dak ritenut fis-sentenza taghha, diversament preseduta, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Galea tat-30 ta Gunju,1995 li huwa rilevanti hafna ghal din il-kwistjoni. "**Minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet:- (a) Bhala regola generali, l-artikolu 419(1), cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza, giet "very strictly and rigidly interpreted" – ("The Police vs John Hill", Criminal Appeal, [23.9.1972]; (b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghat-tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil, PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (enfasi ta' din il-Qorti). In fatti, anke jekk jintalab biss it-thassir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat – skond min ikun appella – tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir, ir-rikors ikun null**". B'analogija ghal dan, meta ssir

talba ghat-tibdil, f'dan il-kaz intuzat il-kelma "riforma" li hija ugwalment accettata, it-talba trid tipotizza liema parti mis-sentenza qed tintalab il-konferma taghha u liema it-thassir. Fil-kaz odjern, it-talba hija ghall-konferma ta' sejbien ta' htija dwar hames imputazzjonijiet u konferma ta' liberatorja dwar zewg imputazzjonijiet meta dawk l-istess zewg imputazzjonijiet rrizultaw ukoll fi htija;

4. Issa, fil-kaz li din il-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-Avukat Generali, ir-rizultanti riforma kif mitluba ser iggib maghha konferma biss ta' dik il-parti fejn instabet htija dwar hamsa biss mill-imputazzjonijiet. Il-parti tat-talba ghal-konferma tal-liberatorja miz-zewg imputazzjonijiet l-ohra certament ma tistax tkun akkolta u fl-istess waqt ma tistghax tkun michuda ghaliex b'hekk tkun qed tilqa' jew tichad decizzjoni li bhala fatt qatt ma tkun inghatat;

5. Illi ghalhekk r-rikors tal-appell tal-Avukat Generali qed ikun dikjarat null u bla effett u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.